MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 975/2008/1

**Rikors maħluf numru 975/2008 FS**

**Josephine (Giuseppa) mart Clement Bugeja u Godfrey Axiak**
***versus***
**Agnese Grech**

1. Dan huwa appell magħmul mill-atturi minn dikriet li laqa' b'restrizzjonijiet rikors tagħhom biex tingħata informazzjoni milquta bis-sigriet bankarju.

2. Il-kawża hija dwar il-wirt ta' Maria Lourdes Axiaq, omm il-partijiet. B'rikors magħmul fit-23 ta' Settembru 2010 l-atturi kienu talbu illi l-qorti "jogħġobha teżenta mis-sigriet bankarju/professjonali lir-rappreżentanti tal-banek lokali u rappreżentanti ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra sabiex ikunu jistgħu jixhdu f'din il-kawża u jesebixxu d-dokumentazzjoni relativa dwar id-depożiti bankarji u investimenti oħra intestati f'isem Maria Lourdes Axiak, waħedha jew ma' terzi".

3. Il-konvenuta wieġbet fil-11 ta' Ottubru 2010 u qalet illi "ma topponix li r-rappreżentanti tal-banek lokali jixhdu dwar depożiti bankarji u investimenti oħra intestati f'isem Maria Lourdes Axiak. … … … Il-qorti però ma tistax u ma' għandhiex taghti eżenzjoni la ġenerali u lanqas specifika fir-rigward ta' 'terzi', partikolarment jekk dawn mhumiex parti f'din il-kawża. Fir-rigward ta' din it-talba l-esponenti qiegħda topponi ruħha."

4. B'dikriet mogħti *in camera* fil-15 ta' Ottubru 2010 u moqri bil-miftuħ fit-2 ta' Novembru 2010 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-atturi "fit-terminu tar-risposta tal-11 ta' Ottubru 2010".

5. B'rikors tat-8 ta' Novembru 2010, magħmul għal dak li jgħid u jrid l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-atturi talbu lill-ewwel qorti tagħtihom permess speċjali biex jappellaw mid-dikriet tal-15 ta' Ottubru 2010 u l-qorti tat dan il-permess b'dikriet tat-23 ta' Novembru 2010.

6. Imbagħad, b'rikors tad-9 ta' Novembru 2010 quddiem din il-qorti, l-atturi appellaw mid-dikriet tal-15 ta' Ottubru 2010. L-aggravji tagħhom ġew imfissra hekk:

«Illi d-dikriet tal-15 ta' Ottubru 2010 iġib per konsegwenza li l-appellanti ser ikunu preklużi milli jġibu prova tad-depożiti bankarji u investimenti oħra li d-defunta kellha konġuntivament ma' terzi persuni, liema depożiti u investimenti għalhekk jagħmlu parti mill-ġid tagħha.

«Illi d-defunta kienet miżżewġa lil Philip Axiak, li għadu ħaj, u għalhekk il-kontijiet konġunti kollha, u anke dawk intestati f'isem is-superstiti żewġha, jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġà eżistenti bejn id-defunta u żewġha, sakemm ma jiġix ippruvat li dawn kienu fondi li ġejjin minn assi parafernali tad-defunta, kif jidher li jista'

jkun il-każ, f’liema eventwalità dawn il-fondi jkunu appartenenti kollha lill-wirt tad-defunta.
«Illi hu ċar li l-appellata qed tipprova tfixkel milli tiġi stabbilita l-konsistenza vera tal-assi tad-defunta, u qed tressaq oppożizzjoni wara l-oħra biex tfixkel ir-riċerka tal-verità.
«Illi għalkemm l-imsemmi Philip Axiak mhux parti f’din il-kawza, billi hu ma jweġibx ghat-talbiet tar-rikorrenti illum appellanti, fi-istess waqt id-dikriet tal-15 t’Ottubru 2010 hu wieħed perikoluż. Perikoluż peress illi jfisser li persuna tista’ taħbi l-flus tagħha billi tiddepożitahom f’kont konġunt ma’ ħaddiehor, u b’hekk jekk issir kawża kontra din il-persuna, il-kontro-parti tkun prekluża milli tistabbilixxi x’depożiti għandha din il-parti, bl-iskuża tat-terza persuna. L-oppożizzjoni tal-intimata appellata li r-rappreżentanti tal-banek jixhdu dwar kontijiet li d-defunta kellha ma’ terzi hi sintomatika. L-appellata m’għandha l-ebda interess [suppost] dwar jekk ir-rappreżentanti tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji jixhdux dwar kontijiet li fihom jista’ jkollhom interess terzi wkoll, flimkien nad-defunta, u dan billi dan il-fatt lilha m’għandu jikkonċernaha xejn. Però fl-istess waqt irreġistrat l-opposizzjoni tagħha.
… … …
«Hu ċar ukoll li kull min jagħżel li jiftaħ kont bankarju jew jagħmel investiment ma’ terza persuna ikun qed jesponi ruħu li l-kontenut ta’ dak il-kont jew investiment jiġi skrutinat fi proċeduri legali li fihom jista’ jkun involut l-*account holder* l-ieħor. Din hi konsegwenza loġika ta’ *joint account* — f’dan il-każ ħadd ma sforza lil xi terz biex ikollu kont konġunt mad-defunta, u ġjaladarba l-għażla kienet li jinfetaħ kont konġunt jew investiment konġunt, allura l-qorti tista’ u għandha tordna li jiġi żvelat x’kien hemm depożitat jew investit hemmhekk.»
7. Waqt is-seduta tad-9 ta’ Mejju 2011 quddiem din il-qorti l-atturi komplew fissru illi “t-terzi li hemm referenza għalihom fl-atti li taw lok għal dan l-appell qed jiġu limitati għall-konvenuta Agnese Grech u għal Philip Axiaq missier il-kontendenti” u illi “l-istituzzjonijiet finanzjarji u bankarji li hemm referenza għalihom qed jiġu limitati għal *Crystal Finance*, *Valletta Fund Management*, *Bank of Valletta* u *HSBC Bank*.”

8. Il-konvenuta wieġbet fit-3 ta' Diċembru 2010 u għamlet dawn is-sottomissjonijiet:

«L-artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li ma jistax isir appell qabel l-għoti ta' sentenza definittiva minn dikrieti dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud (art. 229(1)(*e*)) jew dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti (art. 229(1)(*f*). Fis-sustanza l-atturi talbu li jistaqsu lir-rappreżentanti tal-banek mistoqsijiet dwar il-kontijiet ta' terzi u li l-isess xhieda jesebixxu dokumenti dwar terzi. Bid-dikriet tagħha l-Prim'Awla ċaħdet dawn it-talbiet. Appell minn din iċ-ċaħda jista' jsir biss ma' appell mis-sentenza finali.

«Mingħajr preġudizzju għas-suespost, dan l-appell huwa f'kull każ null ukoll minħabba li bir-rikors tat-8 ta' Novembru 2010 l-atturi talbu l-permess '*sabiex jappellaw mid-dikriet tal-11 t'Ottubru 2010'*. Huma ma talbu ebda permess biex jappellaw fir-rigward tad-dikriet tal-15 ta' Ottubru 2010.

«Fil-meritu d-deċiżjoni tal-ewwel qorti in kwantu ċahdet it-talba tal-atturi fir-rigward ta' terzi hija ġusta u għandha tiġi konfermata.

«Qabel xejn għandu jigi ċċarat jekk tistax tintalab u allura tingħata eżenzjoni ġenerali *(blanket exemption)* lil xhieda mhux identifikati b'mod partikolari. L-esponenti jissottomettu li le. kwalunke eżenzjoni li tingħata mis-sigriet bankarju jew mis-signet professjonali (fejn dan jista' jsir) għandu jingħata każ b'każ, lil xhieda identifikati u fuq dokumenti u persuni identifikati wkoll. Is-sigriet li timponi l-liġi f'ċerti każijiet m'għandux jiġi leġġerment imwarrab. Kwalunkwe eżenzjoni, anke fejn permessa mil-liġi, għandha tingħata b'mod speċifiku u limitata b'mod li jibqgħu protetti d-drittijiet li trid tipproteġi l-liġi ħlief fejn il-liġi stess tagħmel eċċezzjoni. L-eċċezzjonijiet huwa magħruf għandhom jiġu dejjem interpretati u applikati b'mod restrittiv u bl-akbar kawteli.

«Apparti dan, huwa wkoll inkonċepibbli kif xi ħadd jista' jintalab jikxef informazzjoni u dokumenti <u>dwar terzi</u> li mhumiex parti fil-kawża u mingħajr ma' dawn b'xi mod ġew involuti jew mogħtija d-dritt li jesprimu l-fehma tagħhom fir-rigward ta' talba simili.»

9. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta tolqot il-validità tal-appell, għax il-konvenuta qiegħda tgħid illi d-dikriet li minnu sar l-appell huwa wieħed minn dawk imsemmija fl-art. 229(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li minnhom ma jistax isir appell jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva:

**229.** (1) Appell minn dawn id-dikrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-dikrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:

… … …

(*e*) dikriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skond l-artikolu 587;

(*f*) dikriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skond l-artikolu 637;

10. Kif sewwa tgħid il-konvenuta, is-sustanza tat-talba magħmula fir-rikors tal-attriċi hija biex ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet finanzjarji jwieġbu għal mistoqsijiet dwar l-assi tal-mejta *de cuius* u sabiex jesebixxu d-dokumenti relativi. Għalkemm dwar ix-xhieda t-talba formalment kienet biex dawn iwieġbu u mhux biex issirilhom il-mistoqsija, fis-sostanza ma hemmx differenza għax jekk il-qorti ġġiegħel lil xhud iwieġeb tkun qiegħda impliċitament tħalli li ssirlu il-mistoqsija, u *vice-versa*. Ladarba l-qorti għażlet illi ma tħallix li tingħata t-tweġiba, għandek tifhem illi ma għandhiex issir il-mistoqsija. Aktar u aktar hija ċara s-sitwazzjoni dwar id-dokumenti għax it-talba biex jinġiebu dokumenti dwar terzi ġiet miċħuda. Ukoll, xhud ma jistax jixhed dwar dokument jekk dak id-dokument ma jistax jippreżentah, kemm għax jekk jitħalla jagħmel hekk tkun qiegħda tiġi stultifikata d-deċiżjoni li ċaħdet it-talba biex jinġieb id-dokument u kif ukoll għax xhieda bil-fomm ma tkunx l-aħjar prova ta' dak li jgħid dokument.

11. Din il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi f'dan l-istadju ma setax isir appell mid-dikriet tal-15 ta' Ottubru 2010. Għal din ir-raġuni tiddikjara l-appell null u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti għall-kontinwazzjoni. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------